MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 26/2007

**Kawża Nru: 36**

**Rikors Ġuramentat Nru: 26/07 JA.**

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta' Jannar, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-22 ta' Diċembru, 1979 kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ (Dok. "A").

2. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza morali u biża' u dan kif kontemplat fl-Artikolu 19(1)(a) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha kif kontemplat fl-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew iktar ta' l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa kif kontemplat fl-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi għalhekk iż-żwieġ kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) Tiddikjara null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi ż-żwieġ kontrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Diċembru, 1979.

Bl-ispejjeż u l-konvenuta nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuta ma ppresentatx risposta u allura hija kontumaċji skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attur u ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Diċembru, 1979 a bażi ta' l-Artiklu 19 (1) (a) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta ma ppreżentatx risposta u lanqas ipparteċipat fil-proċeduri. Naturalment, kif dejjem irretenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta' ammissjoni.

L-artikli ċitati mill-attriċi jirrigwardjaw;

19 (1) (a) – kunsens miksub bi vjolenza jew biża';

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi li tressqu ma hemmx l-iċken dubbju li ż-żwieġ għandu jkun dikjarat null. Il-partijiet iżżewġu meta kienu għadhom żgħar ħafna, speċjalment il-konvenuta, u din min-naħa tagħha kienet ħarġet tqila mir-relazzjoni li kellha ma' l-attur. Prattikament ġew imġegħla jiżżewġu mill-ġenituri tagħhom. Għalkemm ippruvaw, iż-żwieġ kien fallimentari kważi mill-bidu u wara ftit taż-żmien kulħadd fittex triq oħra. Għalhekk il-kunsens kien miksub bil-biża' skond is-sub-inċiż (a) fuq imsemmi.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fit-22 ta' Diċembru, 1979. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------